MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16

It-Tlieta 26 ta' Mejju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' Microsoft Teams® nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 2/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

16.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

16.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 15 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

16.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

16.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 16.3 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* 2019;

16.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*audited financial statements* għas-sena 2019 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri.

16.3.2 L-*accountant* tal-Kunsill, li kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa, spjega lill-membri li kien hemm aġġustament wieħed biss mill-awdituri li kien jitratta pagament tal-armar u ż-żarmar tal-Milied fejn dan ma kienx daħal fil-kotba minħabba li ż-żarmar isir fis-sena ta' wara.

16.3.3 L-*audited financial statements* għas-sena 2019 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

16.4.1 Is-Sindku, s-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li wara li saret bankina fuq in-naħa ta’ barra madwar id-*dry standing area* fix-Xlendi, tneħħa l-parkeġġ riservat għall-pulizija. Kien hemm qbil mill-membri li din għandha terġa’ ssir.

16.4.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri li fejn hemm il-bankijiet bl-imwejjed taħt Triq il-Kantra hemm periklu għal min jimxi fuq dan il-passaġġ minħabba nuqqas ta’ dawl. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lill-Enemalta biex tiddawwal dik iż-żona.

16.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li kellu diversi suġġerimenti sabiex jiżdiedu l-bankijiet max-xtajta fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

16.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li għaddej ix-xogħol ta’ żbir tal-palm madwar il-Munxar u x-Xlendi kif ukoll ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-ERA għall-permess taż-żbir tal-bruk fi Triq San Xmun fix-Xlendi.

16.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li waqt ix-xogħol taż-żbir tal-palm fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi seħħ inċident fejn werqa minn palma minnhom waqgħet u kissret parti mit-tinda tal-ħġieġ ta’ Seashells Restaurant. Is-Sindku qal li l-Kunsill għaddej b’korrispondenza mal-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Kunsill dwar il-każ.

16.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li saret ukoll l-għatba fil-parti d-dejqa ta’ Triq il-Munxar mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. Fuq ix-xogħlijiet li jwettqu l-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex, is-Sindku qal li ser issir laqgħa mal-kap il-ġdid tat-taqsima tas-CMU fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex sabiex dan jiġi nfurmat dwar ix-xogħlijiet ta’ manutenzjoni li għaddej minn dawn il-ħaddiema kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi, fosthom fi Pjazza Anfori, fi Triq il-Munxar u fil-wied tax-Xlendi.

16.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret it-talba lill-Ministeru tal-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar dwar iż-żieda ta’ ġabra oħra ta’ skart imħallat kull nhar ta’ Sibt matul is-sena kollha. Il-Kunsill infurmat li ser tittieħed id-deċiżjoni fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li ġie ffirmat l-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

16.4.8 kuntratt ta’ finanzjament mal-Ministeru Għal Għawdex fejn il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta’ €2,718.72 biex isiru ix-xogħlijiet fuq ix-xelters tal-gwerra fil-pjazza tal-Munxar. Is-Sindku spjega li x-xogħol kien stmat li b’kollox ser jiswa madwar €14,000 iżda għaddejja ħidma mal-Perit tal-proġett tal-pjazza biex din l-ispiża tonqos filwaqt li jsiru x-xogħlijiet neċessarji. Huwa spjega li x-xogħlijiet ser jikkonsistu f’tindif tax-xelters, għeluq tal-bokok tax-xelters u *railing* għoli ta’ pied madwar waħda mill-bokok tax-xelters. Il-bokka tax-xelter tan-naħa tal-bini ser issir permezz ta’ ħadid miksi bil-porfido filwaqt li tan-naħa tal-Knisja ser tingħalaq bi ħġieġa u jsir id-dawl taħta. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill talab lil-Perit dwar hemmx bżonn ta’ permess mill-Awtorita’ tal-Ippjanar ħalli jkun jista’ jibda x-xogħol u jinħarġu s-sejħiet tal-offerti jekk ikun il-każ. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

16.4.9 Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif imsemmi f’laqgħat preċedenti l-Kunsill ser japplika għall-miżura 3 mnedija minn Gozo Action Group Foundation taħt il-programm Leader “Gozitan Attractions and Innovative Events for all Seasons”. Dan il-proġett ser ikun jikkonsisti f’investiment infrastrutturali mill-Kunsill fi Triq L-Isqawi u fil-ġnien li jinsab fit-tarf ta’ din it-triq b’xogħlijiet ta’ bankini, bankijiet, *street lighting* u *railings*. Għal dan il-proġett ser jissieħbu l-Munxar Falcons FC, is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin u l-Gozo Tourism Association bħala *partners* mal-Kunsill li ser jieħdu ħsieb l-attivitajiet kulturali fuq sentejn u r-reklamar tagħhom. L-attivitajiet kulturali ser jikkonsistu f’xow pirotekniku fil-jiem tal-festa kif ukoll *wine festival* fi Triq L-Isqawi. Is-Sindku qal li saru diversi laqgħat ma’ dawn il-*partners* tal-proġett u fil-jiem li ġejjin ser tiġi konkluża u issottomessa din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill.

16.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li saret laqgħa mal-Onorevoli Ministru Clint Camilleri u maċ-Chief of Staff tiegħu hekk kif ikkomunikat mal-membri stess. Fost il-punti diskussi kien hemm il-problema ta’ nuqqas ta’ dawl fix-Xlendi, pavimentar fil-*front* tax-Xlendi, il-proġett ta’ Triq San Xmun u Triq Puniċi, l-applikazzjoni tal-Kunsill għar-restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali, il-monument tal-Professur Ġużè’ Aquilina, tranġar tal-aċċessi għall-Għar ta’ Karolina u għat-Torri tax-Xlendi, kif ukoll diversi xogħlijiet ta’ asfalt f’toroq ġodda fix-Xlendi u *storm water culverts* fil-Munxar. Is-Sindku qal li dawn il-punti li ġew diskussi f’din il-laqgħa ntbagħtu fid-dettall lill-membri tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

## 16.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

16.5.1 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard ressqet suġġeriment sabiex isir *railing* għall-anzjani fejn l-aħħar sellum tal-baħar fix-Xlendi. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex tidentifika l-post eżatt billi tibgħat ritratt il-Kunsill biex tkun tista' ssir talba lis-sezzjoni tal-*beaches* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex. Kien hemm qbil dwar dan.

16.5.2 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard issuġġeriet sabiex jiżdiedu l-*bins* fil-pjazza fejn diġa' hemm il-pavimentar. Is-Sindku wieġeb li mad-dawra tal-pjazza hemm diversi *bins* u m'hemmx post biex jiżdiedu *bins* oħrajn fil-parti fejn diġa' hemm il-pavimentar.

16.5.3 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard staqsiet dwar il-*pots* il-ġodda li hemm fil-pjazza għax tnejn minnhom m'għandhom bank fejn ipoġġu n-nies. Is-Sindku wieġeb li dik kienet deċiżjoni tal-Kunsill li jinxtraw tnejn bil-bank magħhom u tnejn bla bank.

16.5.4 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi staqsa jekk il-*winch* biex jiġbdu d-dgħajsa s-sajjieda li kien hemm quddiem id-dry standing area fejn l-istatwa ta' Sant'Indrija hux ser jibqa' hemm. Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill ninfurmaw lill-Ministeru Għal Għawdex dwar dan minħabba li l-Kunsill mhux involut fil-proġett. Huwa żied li hemm ħafna tħassib mis-sidien tad-dgħajjes li kienu jżommu l-opri tal-baħar tagħhom hemmhekk jekk hux ser jibqgħu jitħallew jagħmlu dan.

16.5.5 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil issuġġerixxa sabiex jiżdiedu l-bankijiet bl-imwejjed taħt Triq il-Kantra wara diversi ilmenti li rċieva mingħand ir-residenti li m'huma jsibu qatt post vojt. Is-Sindku wieġeb li hu nfurmat li l-Ministeru Għal Għawdex ser jipprovdi bankijiet ġodda.

16.5.6 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil fakkar li matul ix-xtajta għadu kollu mudlam, kif ukoll it-taraġ li minn Triq il-Puniċi jagħti għal Triq San Xmun għadu ma sarx. Rigward id-dlam max-xtajta, is-Sindku wieġeb li l-Ministeru għal Għawdex ser jinstalla fanali ġodda, filwaqt li minħabba t-taraġ qal li bħala Kunsill għandu jkellem lis-sid tal-blokk tal-appartamenti li kisser dan it-taraġ biex dan jerġa' jsir u miegħu jitranġa d-drenaġġ li kien għaddej minn ħdejn dan it-taraġ.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

16.5.7 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis ġibdet l-attenzjoni li l-*pots* li hemm fuq il-bokok tax-xelters jinsabu fi stat ħażin ħafna u hemm bżonn jinbidlu. Is-Sindku wieġeb li l-proġett tax-xelters dalwaqt jibda u hekk kif jinħeles naraw jekk il-Kunsill jistax jixtri *pots* ġodda mill-fondi tal-proġett tal-pjazza li l-Kunsill ingħata mill-Ministeru Għal Għawdex. Kien hemm qbil dwar dan.

16.5.8 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis ġibdet l-attenzjoni li hemm ħafna ħaxix ħażin f'passaġġ fi Triq San Pawl biex jinqata'. Is-Sindku wieġeb li jekk dak il-passaġġ huwa pubbliku, dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

## 16.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti;

16.6.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex il-Kunsill jinforma lir-reġjun jekk hux interessat jew mod ieħor biex ikun parti minn sejħa għall-offerti reġjonali għall-*Contracts Manager* kif ukoll għall-*Preventive & Routine Maintenance Contractor* li jkunu t-tnejn responsabbli mid-*decorative lights* u dwal tat-toroq ieħor mixtri mill-Kunsilli Lokali rispettivi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill juri l-interess tiegħu iżda ser jikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu aktar tard meta jinħarġu aktar dettalji fosthom l-*ispecifications tat-tender document* u l-mod kif ser tkun qed tinqasam din l-ispiża bejn il-Kunsilli Lokali. Dan għar-raġuni li l-Kunsill Lokali tal-Munxar m'għandux numru kbir ta' fanali dekorattivi.

16.6.2 DLG Ċirkulari 5 2020 – Corona Virus (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni. Is-Sindku informa lill-membri li bħala miżuri ta' prekawzjoni l-Kunsill adotta dawn li ġejjin:

- Tagħrif lill-pubbliku bis-servizzi offruti *online* fejn ġew imħeġġa jħallsu b'dan il-mod iżda min isib diffikulta xorta waħda seta' jinqeda l-Kunsill;
- Iż-żamma tad-distanza soċjali mill-pubbliku bl-użu ta' barrier fid-daħla tal-Kunsill;
- Biex jitnaqqas il-kuntatt mal-pubbliku għall-ħin fit-tul, l-uffiċċju tal-Kunsill qed jiftaħ għall-pubbliku sa 12.30pm;
- Servizz ta' tindif fl-uffiċċju tal-Kunsill aktar frekwenti;
- Provvediment ta' *hand sanitizers* u maskli protettivi għall-impjegati tal-Kunsill.

Kien hemm qbil mill-membri għal dawn il-miżuri li hemm fis-seħħ.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

16.6.3 Il-Kunsill irċieva talba għal rifużjoni ta' spejjeż li l-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Anthony Grech nefaq sabiex jittermina l-kuntratt tat-telefonija ċellulari tal-Kunsill bin-numru 79558755. Kien hemm qbil mill-membri li l-Kunsill qatt ma approva li dan il-kuntratt jiġi terminat wisq aktar li jħallas din is-somma u għalhekk din it-talba ma ġietx milqugħa. Għaldaqstant il-Kunsill irrimarka li in-numru 79558755 huwa numru personalizzat tal-Kunsill u kemm in-numru kif ukoll il-*mobile* li nxtara mill-fondi tal-Kunsill għandu jiġi rritornat l-Kunsill.

16.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident li joqgħod fi T/G fi Triq il-Qsajjem b'rapport dettaljat dwar din it-triq biex tiġi asfaltata inkluż siltiet mill-minuti tal-Kunsill dwar il-każ. Is-Sindku ppropona sabiex dan ir-rapport jgħaddi lill-Ministeru Għal Għawdex minħabba li diġa' kienet ġiet diskussa din it-triq fil-laqgħa mal-Ministru l-Onorevoli Clint Camilleri. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

16.6.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand residenta li toqgħod fil-Pjazza tal-Knisja il-Munxar dwar inkonvenjent li qed taffaċċja minħabba l-ilma u t-trab li qed jinżamm quddiem il-bieb tagħha. Is-Sindku qal li dak ix-xogħol kien ġie ċċertifikat mill-Perit tal-proġett. Huwa ssuġġerixxa sabiex nirreferu l-każ lill-Perit tal-Kunsill u l-ewwel darba li jkun il-Munxar jiċċekkja ftit dwar dan l-ilment imressaq. Kien hemm qbil mill-membri.

16.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri ittra mill-Assistent Prinċipali tal-Kunsill dwar *progression* fin-*notch* tal-iskala mas-salarju tax-xahar ta' Mejju 2020 skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

16.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil bi proposti mressqa minn resident f'Marsalforn sabiex issir laqgħa bejn il-membri tal-Kunsill taż-Żebbuġ u tal-Munxar flimkien mal-Ministru Għal Għawdex. Il-proposti li ressaq dan ir-resident jinkludu l-presenza ta' aktar pulizija kif ukoll il-problemi ta' ħsejjes minħabba ż-żieda ta' xogħol ta' kostruzzjoni f'dawn iż-żoni turistiċi. Is-Sindku qal li parti minn dawn il-punti diġa' ġew diskussi mal-Ministeru Għal Għawdex filwaqt li l-għassa tal-Pulizija fix-Xlendi qed tkun miftuħa kuljum.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Transport Malta bi proposta biex issir mera tat-traffiku fi Triq il-Kantra. Il-membri tal-Kunsill ma

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

16.6.8 sabux oġġezzjoni għal din il-proposta.

16.6.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-*Data Protection Officer* sabiex skont ir-regoli l-ġodda dwar l-ipproċessar tad-data tal-individwi, huwa neċessarju li jkun hemm fis-seħħ ftehim bil-miktub bejn l-Awtorita’ tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali tal-Munxar minħabba li l-Kunsill qed jipproċessa nformazzjoni personali għan-nom ta’ din l-entita’. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim biex nigarantixxu konformita’ sħiħa mar-regoli u l-obbligi li l-Kunsill għandu f’dan ir-rigward.

16.6.10 Wara proposta mressqa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill biex isir aktar disinfezzjoni u ħasil tal-postijiet l-aktar frekwentati fil-lokalita’, il-Kunsill ġie infurmat li d-direttorat ta’ EcoGozo ser jagħmel dan ix-xogħol.

16.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif propost fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill ħa l-parir tal-Perit Herman Bonniċi dwar il-possibilta’ li jsir *toilet* ġewwa t-torri bħala parti mill-proġett tar-restawr tat-Torri tax-Xlendi. Wara analiżi mill-Perit dwar is-suġġett, il-Perit saħaq li mhux possibli li dan isir minħabba l-problema tal-aċċess biex titbattal il-fossa, apparti l-fatt li biex issir din il-fossa ser tkun diffiċli ferm biex jingħata l-permess mill-awtoritajiet li tiskava f’żona ta’ Natura 2000.

16.6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara talba minn Environmental Landscapes Consortium Limited (ELC) saret laqgħa magħhom flimkien mas-Sindku dwar is-servizzi li huma qed joffru fil-lokalita’. Saret analiżi taż-żoni li huma responsabbli tagħhom u saret talba għal żieda fil-ħlas għas-servizzi provduti minnhom. Is-Sindku qal li d-diskussjonijiet ser ikomplu fil-jiem li ġejjin.

16.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-kuntratt taż-żamma tas-siġar taż-żebbuġ fix-Xlendi ma’ Xerri’s Lanscaping Co. Ltd ser jiskadi f’Ġunju 2020 bil-possibilta’ li jiġġedded għal sena oħra skont il-kuntratt MXR/005/2018. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex dan il-kuntratt ma jiġix imġedded u flimkien ma’ żoni oħra ġodda, iż-żamma tas-siġar taż-żebbuġ fix-Xlendi jgħaddu f’idejn Environmental Landscapes Consortium Limited (ELC) bħala kundizzjoni biex jiżdied il-ħlas għas-servizzi provduti minn Environmental Landscapes Consortium Limited (ELC).

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

16.6.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/045 – Covid 19 – Rilaxx ta' Miżuri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/046 – Webinar: Adapting to climate change 12th May 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.16 Ċirkulari Nru AKL 2020/047 – Ġbir ta' kopja tar-Reġistru Elettorali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/048 – Best Practices in Participatory Process – Join the next ALDATalk! Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/049 – Kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċikliżmu u spazji miftuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill juri l-interess tiegħu għal din l-inizjattiva.

16.6.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/050 – Important notice regarding submission of Health Claims. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/051 – Safe the date for #EUSEW2020! – EU Sustainable Energy Week. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/052 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv 31 (emendati) Laqgħa tal-Eżekuttiv 32. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.22 Ċirkulari Nru AKL 2020/053 – Yellow 'Please keep your social distance' stickers. Il-Kunsill innota l-kontenut u wera l-interess li jakkwista dawn l-*istickers*.

16.6.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/054 – Free online course for ALDA's members – Register now! Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.24 Ċirkulari Nru AKL 2020/054 – Promotion of Aġenzija Żgħażagħ Services. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.25 Ċirkulari Nru AKL 2020/055 – Ittra mibgħuta lill-Ministeri u Entitajiet ikkonċernati rigward il-problema fuq il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jistenna l-azzjonijiet u l-gwida li ser tagħti l-assoċjazzjoni.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

16.6.26 Ċirkulari Nru AKL 2020/056 – EUCF Webinar 30/05/2020 @ 9am. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.27 Ċirkulari Nru AKL 2020/057 – Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà – Webinar – Il-pandemija tal-COVID-19 u kif l-imxija tagħha impattat il-benesseru tan-nies f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.6.28 Il-Kunsill irċieva talba minn resident biex issir bankina ġdida fi Triq il-Qsajjem k/m Triq il-Puniċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

**16.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

16.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 16/2020-8 għall-perjodu bejn id-29 t'April 2020 u t-22 ta' Mejju 2020 li tammonta għal €105,127.20 ġiet approvata u ffirmata.

**16.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

16.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020.

*IFFIRMATA*
Damien Spiteri
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR